# OPTIMIZER® Smart System

* * *

Għat-Trattament ta’

Insuffiċjenza tal-Qalb minn Moderata għal Severa

# Il-Manwal tal-Pazjent

Nru. tal-Parti: 13-250-003-mt Rev. 07

**Impulse Dynamics (USA), Inc.**

**50 Lake Center Executive Parkway**
**Suite 100, 401 Route 73 N, Bldg. 50**
**Marlton, NJ 08053**

EC REP

**Impulse Dynamics Germany GmbH**
**MAC Main Airport Center**
**Untershweinstiege 2-14**
**60549 Frankfurt am Main, Germany**

OPTIMIZER® hija trademark li tappartjeni lil Impulse Dynamics, irreġistrata fl-Istati Uniti.

OMNI™ hija trademark li tappartjeni lil Impulse Dynamics.

CCM™ hija trademark ta' Impulse Dynamics

L-informazzjoni f'dan id-dokument tista' tinbidel mingħajr avviż minn qabel.

L-ebda parti minn dan il-manwal ma tista' jiġi riprodotta jew trasmessa bi kwalunkwe mod jew mezz, elettroniku jew mekkaniku, għal kwalunkwe skop mingħajr il-kunsens espliċitu minn qabel bil-miktub minn Impulse Dynamics.

L-OPTIMIZER® Smart system u t-teknoloġija CCM™ huma protetti minn diversi Privattivi tal-Istati Uniti. Għal lista aġġornata ta' privattivi u applikazzjonijiet għal privattivi rilevanti, żur il-paġna tal-privattivi tagħna: http://www.impulse-dynamics.com/us/patents.

CE
0344

[2016]

© Impulse Dynamics (USA)

# WERREJ

**1. INTRODUZZJONI ...... 1**

**2. L-OPTIMIZER SMART SYSTEM ...... 2**

2.1 OPTIMIZER Smart Implantable Pulse Generator ...... 2

2.2 OPTIMIZER Mini Charger ...... 5

**3. KUMPLIKAZZJONIJIET POTENZJALI ...... 6**

3.1 Assoċjati mal-Impjantazzjoni ...... 6

3.2 Assoċjati mat-Tħaddim tal-Apparat/Charger ...... 8

**4. IMPJANTAZZJONI TAL-OPTIMIZER SMART IPG ...... 8**

**5. WARA L-IMPJANTAZZJONI ...... 10**

**6. Il-ĦAJJA BL-OPTIMIZER SMART IPG ...... 11**

6.1 Aspettattivi Ġenerali ...... 11

6.2 Effett fuq l-Attivitajiet Tiegħek ...... 11

6.3 Mediċini ...... 11

6.4 Kif Apparati Oħrajn Jistgħu Jaffettwaw l-OPTIMIZER Smart IPG Tiegħek ...... 12

6.5 L-importanza tal-Karta tal-Identità tal-Pazjent ...... 14

**7. OPTIMIZER MINI CHARGER ...... 14**

7.1 Komponenti tal-OPTIMIZER Mini Charger System ...... 15

7.2 Metodu ta' Ċċarġjar Użat mill-OPTIMIZER Mini Charger ...... 16

7.3 Karatteristiċi tal-OPTIMIZER Mini Charger ...... 17

7.4 Kif Tħaddem l-OPTIMIZER Mini Charger Tiegħek ...... 19

7.5 Frekwenza tas-Sessjonijiet tal-Iċċarġjar ...... 22

7.6 Kodiċijiet Numeriċi ...... 23

7.7 Tindif tal-OPTIMIZER Mini Charger ...... 24

7.8 Manutenzjoni tal-OPTIMIZER Mini Charger ...... 25

7.9 Il-Ħażna u l-Immaniġġjar tal-OPTIMIZER Mini Charger ............. 25
7.10 Rimi tal-OPTIMIZER Mini Charger ............................................. 26

**8. SOSTITUZZJONI TAL-OPTIMIZER SMART IPG......................... 26**

**9. MISTOQSIJIET LI JSIRU SIKWIT .................................................... 27**

**INFORMAZZJONI IMPORTANTI ............................................................. 29**

**NOTI ......................................................................................... 31**

# 1. INTRODUZZJONI

It-tabib tiegħek iddetermina li għandek forma ta' insuffiċjenza tal-qalb. Biex jitnaqqsu s-sintomi tiegħek assoċjati ma' din il-kundizzjoni, it-tabib tiegħek irrakkomanda l-impjantazzjoni tal-OPTIMIZER Smart Implantable Pulse Generator (IPG). L-iskop ta' dan il-manwal huwa li jgħinek tifhem l-elementi u kif taħdem l-OPTIMIZER Smart System

L-insuffiċjenza tal-qalb hija kundizzjoni klinika li kull sena taffettwa madwar 10 miljun persuna madwar id-dinja kollha. Studju riċenti fl-Istati Uniti sab li l-inċidenza ta' insuffiċjenza tal-qalb fl-irġiel kienet ta' 378 f'kull 100,000, filwaqt li fin-nisa kienet ta' 289 f'kull 100,000[1].

L-insuffiċjenza tal-qalb huwa t-terminu li t-tobba jużaw biex jiddeskrivu s-sinjali u s-sintomi assoċjati mal-inkapaċità tal-muskolu tal-qalb li jippompja biżżejjed demm biex jissodisfa l-ħtiġijiet tal-ġisem mingħajr żieda perikoluża fil-pressjoni tad-demm (dijastolika). Sintomi ta' insuffiċjenza tal-qalb jistgħu l-ewwel jidhru bħala għeja, tolleranza baxxa għall-eżerċizzju, jew konfużjoni mentali jew bħala kombinazzjoni ta' dawn is-sintomi b'diffikultà biex wieħed jieħu n-nifs, akkumulazzjoni ta' fluwidu fil-pulmun, fil-fwied u x'imkien ieħor fil-qafas vaskulari tal-ġisem, li l-ewwel sinjal komuni tiegħu hu n-nefħa (edema) tar-riġlejn u/jew tad-dirgħajn.

Attwalment hemm numru ta' mediċini b'azzjonijiet differenti disponibbli għat-trattament tal-insuffiċjenza tal-qalb. Minkejja din il-lista dejjem tikber ta' mediċini, ċerti pazjenti ma jibbenefikawx b'mod adegwat minn dan l-approċċ waħdu.

L-OPTIMIZER Smart IPG ma jistimulax l-muskolu tal-qalb biex joħloq kontrazzjoni bħal pacemaker tal-qalb. Minflok, huwa

[1] Trends in Heart Failure Incidence and Survival in a Community-Based Population, Véronique L. Roger MD, et al; *JAMA.* 21 ta' Lulju, 2004; 292:344-350.

ddisinjat biex iwassal sinjali speċjalizzati ta' "modulazzjoni tal-kontrazzjoni tal-qalb" fil-ħajt bejn iż-żewġ kompartimenti ewlenin tal-ippumpjar (ventrikli tal-lemin u tax-xellug) meta l-qalb tippompja d-demm. L-effett primarju ta' din it-terapija jseħħ fil-livell taċ-ċelluli fil-muskolu tal-qalb, naturalment, itejjeb l-effiċjenza u l-qawwa tal-kontrazzjoni tal-qalb; jiġifieri jiġi ppumpjat aktar demm mill-qalb għal kull taħbita tal-qalb.

# 2. L-OPTIMIZER SMART SYSTEM

L-OPTIMIZER Smart System hija maħsuba għat-trattament ta' insuffiċjenza tal-qalb minn moderata sa severa. Tinkludi dawn l-elementi li ġejjin:

- OPTIMIZER Smart Implantable Pulse Generator Programmabbli
- OPTIMIZER Mini Charger

## 2.1 OPTIMIZER Smart Implantable Pulse Generator

L-OPTIMIZER Smart Implantable Pulse Generator huwa apparat li għandu provvista tal-enerġija interna, huwa programmabbli u telemetriku. Normalment jiġi impjantat taħt il-ġilda fin-naħa ta' fuq tas-sider lejn ix-xellug jew il-lemin. Mal-OPTIMIZER Smart Pulse Generator hemm żewġ (jew hemm l-għażla li jkun hemm tlieta) sondi impjantabbli li t-tabib tiegħek se jdaħħal minn ġo vina kbira għal ġo qalbek waqt il-proċess tal-impjantazzjoni. Dawn is-sondi fihom l-elettrodi li jippermettu lill-OPTIMIZER Smart IPG jimmonitorja l-attività elettrika f'qalbek u jwassal sinjali speċjalizzati ta' modulazzjoni tal-kontrazzjoni tal-qalb lill-qalb f'ħin speċifiku matul it-taħbit tal-qalb.

Kif imsemmi, l-OPTIMIZER Smart IPG huwa apparat telemetriku. Dan ifisser li l-apparat huwa ddisinjat bl-abbiltà li jikkomunika mill-ġilda b'apparat estern bħal kompjuter

imsejjaħ OMNI II Programmer. Il-programmer huwa esklussivament użat mit-tabib tiegħek jew mill-istaff mediku tiegħu biex jiġu ppersonalizzati s-settings tal-OPTIMIZER Smart IPG għat-taħbit tal-qalb speċifiku tiegħek. Jippermetti wkoll lit-tabib jikseb informazzjoni importanti mill-apparat dwar kemm qed jaħdmu tajjeb is-settings ipprogrammati għat-trattament tal-kundizzjoni tiegħek.

L-OPTIMIZER Smart IPG għandu batterija li tista' tiġi ċċarġjata li testendi kemm idum jaħdem l-apparat. Kultant żmien, ikun hemm bżonn li l-apparat tiegħek jerġa' jiġi ċċarġjat. It-tabib tiegħek se jgħidlek kull kemm irid jiġi ċċarġjat. Sabiex dan il-proċess ikun konvenjenti kemm jista' jkun possibbli għalik, se tiġi pprovdut b'OPTIMIZER Mini Charger. It-tabib tiegħek se jagħtik l-istruzzjonijiet dwar l-użu xieraq tiegħu.

Il-ħajja mistennija tal-OPTIMIZER Smart IPG hija llimitata mill-ħajja ta' servizz mistennija tal-batterija li tista' tiġi ċċarġjata tiegħu. Il-batterija li tista' tiġi ċċarġjata li tkun ġewwa l-OPTIMIZER Smart IPG għandha tipprovdi mill-inqas 15-il sena ta' servizz. Maż-żmien, u b'iċċarġjar ripetut, il-batterija fl-OPTIMIZER Smart IPG titlef l-abbiltà tagħha li tiċċarġja għalkollox.




**Figura 1: OPTIMIZER Smart IPG**

## 2.2 OPTIMIZER Mini Charger

L-OPTIMIZER Mini Charger jaħdem permezz ta' batterija li tista' tiġi ċċarġjata wkoll. Iċ-charging wand hija mwaħħla b'mod permanenti mal-apparat b'kejbil li hu twil biżżejjed biex iħallik tissettja ċ-charger għal distanza sa 0.5 m (~20 pulzier) 'il bogħod minnek. Il-proċess tal-iċċarġjar jaħdem b'mod awotmatiku mingħajr ma jeħtieġ intervent sinifikanti mill-utent. Jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 7 ta' dan il-manwal għal dettalji dwar it-tħaddim xieraq taċ-charger.




**Figura 2: OPTIMIZER Mini Charger**

# 3. KUMPLIKAZZJONIJIET POTENZJALI

## 3.1 Assoċjati mal-Impjantazzjoni

Bħal kull proċedura kirurġika, l-impjantazzjoni tal-OPTIMIZER Smart Pulse Generator tinvolvi xi grad ta' riskju. Din it-taqsima hija maħsuba biex tipprovdilek spjegazzjoni tad-diversi kumplikazzjonijiet potenzjali li huma assoċjati mal-impjantazzjoni ta' apparat. L-ebda waħda minn dawn il-kumplikazzjonijiet mhi unika għall-OPTIMIZER Smart IPG, iżda jistgħu jidhru wkoll waqt l-impjantazzjoni ta' sistemi simili (bħal pacemakers tal-qalb).

Kumplikazzjonijiet assoċjati mal-impjantazzjoni ta' apparat mediku rrappurtati fil-letteratura medika jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

- Ritmi irregolari u/jew perikolużi tal-qalb ikkawżati mill-ġeneratur tal-impulsi.
- Infezzjoni – Din tista' tirrikkjedi korrezzjoni kirurġika.
- Il-ġilda fuq l-apparat tista' ma żżommx (titmermer) u tesponi parti mill-apparat. Dan jirrikjedi korrezzjoni kirurġika.
- L-apparat jista' jiċċaqlaq mill-post oriġinali tiegħu taħt il-ġilda (migrazzjoni) u b'hekk ikun meħtieġ li t-tabib tiegħek jagħmel operazzjoni oħra biex ipoġġih f'postu.
- Tista' tinfaraġ taħt il-ġilda fiż-żona ta' madwar il-ferita/i jew fil- "borża" li tkun inħalqet taħt il-ġilda biex iżżomm il-ġeneratur tal-impulsi (ematoma). Dan jista' jeħtieġ korrezzjoni kirurġika.

- Jista’ jakkumula l-fluwidu fil-“borża” li tkun inħalqet taħt il-ġilda biex iżżomm il-ġeneratur tal-impulsi, u dan ikun jeħtieġ li jiġi ttrattat.
- Tista’ tkun sensittiv għal wieħed jew aktar mill-materjali użati fl-OPTIMIZER Smart IPG li huma esposti għat-tessuti tal-ġisem (reazzjoni istotossika). Għalkemm rari, dan jista’ jirrikjedi t-tneħħija tal-apparat.
- Puplesija.
- Kollass tal-pulmun.
- Il-mewt.

Kumplikazzjonijiet assoċjati mal-impjantazzjoni tas-sondi li kienu irrappurtati fil-letteratura medika jinkludu:

- Sonda impjantata tista’ tgħaddi mill-ħajt tal-qalb. F’okkażjonijiet rari dan wassal għal kundizzjoni perikoluża li kienet teħtieġ korrezzjoni kirurġika.
- Jekk għandek ħajt tal-qalb irqiq ħafna, jista’ jaqbdek is-sulluzzu kull darba li l-apparat jagħti sinjal ta’ CCM™ minħabba stimulazzjoni tan-nerv freniku jew tad-dijaframma nnifisha. Dan jista’ jeħtieġ korrezzjoni kirurġika.
- Għalkemm mhux probabbli li sseħħ (<1%), tista’ tirriżulta trombożi venuża (formazzjoni ta’ embolu) mit-tqegħid tas-sonda fis-sistema venuża. Dan jista’ jeħtieġ korrezzjoni kirurġika.

L-OPTIMIZER Smart IPG jagħmel użu mis-sondi tiegħu biex jidentifika l-attività elettrika ta’ qalbek. Jistgħu jseħħu problemi li jistgħu jaffettwaw l-abbiltà tas-sonda li twettaq din il-funzjoni. Dawn jinkludu:

- Sonda tista' tiċċaqlaq minn fejn tkun ġie imqiegħda waqt l-impjantazzjoni, u jkun meħtieġ li ssir operazzjoni oħra.
- Sonda tista' tinqasam jew tinkiser li jirriżulta f'konnessjoni elettrika batuta, u jkun meħtieġ li ssir operazzjoni oħra.

Il-problemi tas-sondi deskritti hawn fuq jistgħu jseħħu fi kwalunkwe ħin waqt il-ħajja tal-impjant ta' sonda. Tipikament, tkun meħtieġa korrezzjoni permezz ta' operazzjoni.

### 3.2 Assoċjati mat-Tħaddim tal-Apparat/Charger

- OPTIMIZER Smart IPG jista' ma jħossx u ma jfornix sinjali ta' CCM™ kif suppost minħabba problema każwali tas-software jew tal-hardware, u jkun jeħtieġ li jiġi ssostitwit.
- OPTIMIZER Smart IPG jista' jidentifika interferenza ambjentali u jibgħat sinjali ta' CCM™ b'mod inkorrett. Ara Taqsima 6.4.
- OPTIMIZER Mini Charger jista' ma jiffunzjonax kif maħsub minħabba problema każwali ta' software jew hardware u ma jiċċarġjax l-IPG bil-mod kif maħsub. F'dan il-każ, iċ-Charger ikun jeħtieġ li jiġi ssostitwit.

## 4. IMPJANTAZZJONI TAL-OPTIMIZER SMART IPG

L-impjantazzjoni ta' OPTIMIZER Smart Pulse Generator u tas-sondi teħtieġ li ssir bi proċedura kirurġika, li matulha inti tkun imqajjem u mogħti ftit sedattiv. Jintuża anestetiku lokali biex imewwet is-sensazzjoni fis-sit tal-impjantazzjoni, li normalment

ikun fin-naħa ta’ fuq tas-sider lejn ix-xellug jew il-lemin, eżatt taħt il-ġilda.

L-OPTIMIZER Smart IPG jagħmel użu minn żewġ (jew hemm l-għażla li jkun hemm tlieta) sondi impjantabbli li se jitpoġġew f’postijiet speċifiċi fil-qalb. Kull sonda għandha elettrodu fit-tarf tagħha. It-tabib se jdaħħal kull sonda minn ġo vina kbira għal ġewwa l-qalb. Għall-pożizzjonament xieraq, tintuża il-fluworoskopija. Ladarba l-elettrodi jkunu mqegħdin tajjeb f’posthom, tipikament issir inċiżjoni fil-ġilda, u tinħoloq “borża” fejn jinżamm l-OPTIMIZER Smart Pulse Generator.

It-tabib tiegħek imbagħad iqabbad is-sondi impjantati mal-OPTIMIZER Smart IPG, jivverifika li qed jiffunzjona kif suppost, u mbagħad idaħħlu fil-borża. Il-borża mbagħad tinħiet bis-suturi u l-ferita tiġi nfaxxata. Jittieħdu x-rays ta’ sidrek biex jiġi ddokumentat il-post tal-elettrodi fil-qalb u l-orjentazzjoni tal-ġeneratur tal-impulsi impjantat.

Fil-mument li tkun se tiġi rilaxxat, tirċievi istruzzjonijiet mit-tabib tiegħek li jkunu jinkludu:

- Il-limitazzjonijiet, jekk hemm, fir-rigward tal-attività fiżika tiegħek, sakemm tfiq l-inċiżjoni.
- Istruzzjonijiet dwar kif għandek tinħasel, u toqgħod attent biex tevita li xxarab il-feriti hekk kif dawn iridu jibqgħu xotti.
- Skeda ta’ meta jkun irid jarak it-tabib għall-viżti ta’ segwitu rakkomandati mit-tabib.

L-ewwel appuntament ta’ segwitu mat-tabib tiegħek se jiġi skedat għal madwar ġimagħtejn wara l-impjant. It-tabib tiegħek se jeżamina l-inċiżjonijiet tiegħek, ineħħi kwalunkwe ponti jew ponti tat-tip butterfly u jibda l-proċess ta’ programmazzjoni tal-OPTIMIZER Smart Pulse Generator tiegħek għall-bżonnijiet speċifiċi tiegħek. F’dan il-mument, se tingħata anke l-OPTIMIZER Mini Charger u tirċievi tħarriġ għat-tħaddim xieraq tiegħu. Aċċerta

ruħek li tifhem dawn l-istruzzjonijiet. Tibżax tistaqsi kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollok.

# 5. WARA L-IMPJANTAZZJONI

Huwa importanti li tinvolvi ruħek b'mod attiv fl-irkupru tiegħek stess billi ssegwi l-istruzzjonijiet tat-tabib tiegħek bir-reqqa, inkluż:

- Irrapporta kwalunkwe ħmura, nefħa, jew ħruġ ta' likwidu mill-inċiżjonijiet tiegħek lit-tabib.
- Evita li terfa' oġġetti tqal sakemm tingħata istruzzjonijiet mit-tabib tiegħek.
- Imxi, agħmel l-eżerċizzju, u nħasel skont l-istruzzjonijiet tat-tabib tiegħek.
- Żgura li tikkuntattja lit-tabib tiegħek jekk tiżviluppa deni li jippersisti għal aktar minn jumejn jew tlett ijiem.
- Staqsi lit-tabib tiegħek kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollok dwar l-apparat, ir-ritmu tal-qalb jew il-mediċini tiegħek. Żgura li tieħu l-mediċini kollha skont l-istruzzjonijiet tat-tabib tiegħek.
- Tilbisx ħwejjeġ issikkati li jistgħu jirritaw il-ġilda fuq l-apparat.
- Evita li tħokk l-apparat jew iż-żona tal-madwar ta' sidrek.
- Jekk it-tabib jagħtik il-parir biex tagħmel dan, illimita movimenti bid-driegħ li jistgħu jaffettwaw is-sistema tas-sonda.
- Evita kuntatt goff li jista' jirriżulta f'daqqiet fuq is-sit tal-impjant. Jekk taqa' jew tkun f'aċċident li jirriżulta f'daqqa fis-sit tal-impjant, ikkuntattja lit-tabib tiegħek.
- Ikkuntattja lit-tabib tiegħek jekk tinnota xi ħaġa mhux mistennija jew mhux tas-soltu bħal sintomi ġodda.

- Informa lit-tabib tiegħek jekk tippjana vjaġġi ta' distanzi twal jew jekk qed tippjana li tmur tgħix f'xi belt jew post ieħor. Staqsi lit-tabib tiegħek biex jirreferik għal xi ħadd f'dik iż-żona.
- It-tabib tiegħek jista' jillimitalek is-sewqan, għall-inqas fil-bidu, biex jiġi evitat l-istrapazz bla bżonn fuq il-feriti tiegħek.

# 6. Il-ĦAJJA BL-OPTIMIZER SMART IPG

## 6.1 Aspettattivi Ġenerali

Se tkun tista' tħoss l-OPTIMIZER Smart Pulse Generator taħt il-ġilda. Moviment normali tal-ġisem ma jikkawża l-ebda ħsara lill-apparat jew lis-sondi mwaħħla. Minkejja dan, huwa importanti li ma tippruvax iċċaqlaq jew iddawwar il-ġeneratur tal-impulsi. Dan ġie impjantat fil-ġilda f'orjentazzjoni speċifika għall-ġilda li tiżgura komunikazzjoni xierqa mal-OMNI II Programmer u mal-OPTIMIZER Mini Charger tiegħek.

## 6.2 Effett fuq l-Attivitajiet Tiegħek

Ladarba l-feriti mill-kirurġija jkunu fiequ, stenna li tkun tista' tkompli l-attivitajiet normali tiegħek, inkluż l-intimità sesswali. L-OPTIMIZER Smart Pulse Generator impjantat ma jiġix affettwat bil-mixi, jekk titbaxxa, jew b'attività-normali oħra ta' kuljum.

## 6.3 Mediċini

Mediċini b'riċetta, meħuda skont l-istruzzjonijiet, m'għandhom l-ebda effett fuq it-tħaddim tajjeb tal-OPTIMIZER Smart IPG tiegħek.

B'mod ġenerali, l-impjantazzjoni tal-OPTIMIZER Smart Pulse Generator tiegħek m'għandhiex tirrikjedi li inti tibdel l-użu ta' kwalunkwe mediċina.

## 6.4 Kif Apparati Oħrajn Jistgħu Jaffettwaw l-OPTIMIZER Smart IPG Tiegħek

B'mod ġenerali, apparat domestiku f'kundizzjoni tajba u apparati ta' komunikazzjoni personali miżmuma f'distanza ta' 25 cm jew aktar mill-IPG mhu se jkollhom l-ebda effett fuq l-OPTIMIZER Smart IPG tiegħek. Minkejja dan, għandek tkun kawt meta tkun viċin ta' apparati li jiġġeneraw kampijiet elettriċi jew manjetiċi. Pereżempju, tista' sseħħ interferenza minn xi magni tal-leħja elettriċi, għodod li jaħdmu bl-elettriku, u sistemi elettriċi ta' tqabbid tan-nar, inklużi dawk użati fuq tagħmir li jaħdem bil-gażolina. B'mod ġenerali, tagħmir li jaħdem bil-gażolina jista' jitħaddem, bil-patt li ma jitneħħewx kapep, għata u mezzi oħra ta' protezzjoni.

Evita li tixxabbat fuq kompartiment miftuħ ta' magna ta' karozzi, minħabba li l-alternatur jiġġenera kamp elettromanjetiku qawwi ħafna.

Kwalunkwe intereferenza li tiġi identifikata mill-OPTIMIZER Smart IPG tista' tikkawża detezzjoni falza tat-taħbit ta' qalbek u s-sinjal ta' CCM™ ma jiġix fornut fil-ħin intenzjonat.

Għandek tevita li tersaq viċin ħafna ta' tagħmir jew apparat li jkun fih kalamiti qawwija ħafna (eż. speakers tal-istereo). L-OPTIMIZER Smart IPG fih swiċċ manjetiku li, meta jiġi attivat billi titqiegħed kalamita qawwija qrib l-apparat għal 3 – 5 sekondi, jitfi l-apparat tiegħek. Jekk dan iseħħ bi żball, it-tabib tiegħek irid juża l-OMNI II Programmer biex jerġa' jixgħel l-OPTIMIZER Smart IPG tiegħek. Minħabba li l-OPTIMIZER Smart IPG mhuwiex apparat li jsostni l-ħajja, aktarx li avveniment bħal dan ma jpoġġikx f'riskju.

<u>Dejjem</u> fittex parir mediku qabel ma tidħol f'żona bi twissija għal pazjenti b'pacemaker (jew apparat mediku ieħor li jista' jiġi impjantat) jew fejn hemm makkinarju industrijali jew

trasmettituri tar-radju, inklużi radji mhux professjonali u radji mobbli.

Dejjem informa lit-tabib li jkun qed jinvistak li għandek OPTIMIZER Smart Pulse Generator impjantat qabel:

- Ma ssirlek operazzjoni fejn se jsir użu mill-elettrokawterija;
- Ma ssirlek proċedura li tinvolvi Ablazzjoni RF;
- Ma ssirlek dijatermija medika;
- Ma ssirlek kardjoverżjoni;
- Ma ssirlek radjazzjoni terapewtika, reżonanza manjetika nukleari (NMR - *nuclear magnetic resonance*), immaġni b'reżonanza manjetika (MRI - *magnetic resonance imaging*), ultrasound terapewtiku, jew litotripsija.

**Attenzjoni:**

- L-OPTIMIZER Smart IPG għandu jiġi ddiżattivat jew immonitorjat mill-qrib qabel u wara kwalunkwe trattament mediku fejn jiġi mgħoddi kurrent elettriku mill-ġisem.
- L-OPTIMIZER Smart IPG m'għandux jiġi espost b'mod dirett għal ultrasound terapewtiku jew għal radjazzjoni terapewtika. Dan it-tip ta' esponiment jista' jagħmel il-ħsara lill-apparat u l-ħsara jista' jkun li ma tkunx tista' tiġi identifkata immedjatament.

Sistemi ta' skennjar kontra s-serq fil-ħwienet u ta' sistemi ta' skrining li jintużaw fl-ajruporti għas-sigurtà normalment ma jagħmlux ħsara lill-OPTIMIZER Smart IPG. Minkejja dan, iddumx ħafna fejn dan l-apparat. Qabel ma tgħaddi mill-iskrining ta' sigurtà ta' ajruport, hu rakkomandat li turi l-karta tal-identità tal-OPTIMIZER Smart tiegħek lill-istaff tas-sigurtà biex ikunu jistgħu jaqraw id-dettalji.

### 6.5 L-importanza tal-Karta tal-Identità tal-Pazjent

Kull OPTIMIZER Smart Implantable Pulse Generator huwa fornut b'Karta tal-identità tal-pazjent. It-tabib tiegħek se jagħtik din il-karta wara l-impjantazzjoni tal-apparat tiegħek. Barra minn hekk, l-informazzjoni li jipprovdi tippermetti li tiġi rreġistrat bħala reċipjent ta' apparat mmanifatturat mill-kumpanija Impulse Dynamics biex it-tabib tiegħek ikun jista' jiġi nnotifikat kif xieraq, u b'mod sħiħ, f'każ li toħroġ komunikazzjoni dwar il-prodott.

Huwa importanti ħafna li żżomm il-Karta tal-identità tal-pazjent flimkien mal-mediċini tiegħek fuqek il-ħin kollu. F'każ ta' emerġenza medika, il-Karta tal-identità tal-pazjent ikun fiha informazzjoni importanti ħafna għat-tabib li jkun inkarigat u tgħin sabiex ikun jista' jħaffef il-proċess tal-kura medika ta' emerġenza li tkun teħtieġ.

Barra minn hekk, huwa importanti li tinnotifika kull fornitur tal-kura tas-saħħa tiegħek li kellek impjantazzjoni ta' apparat ta' OPTIMIZER Smart. Għalhekk, id-darba li jmiss li żżur lit-tabib jew lid-dentist tiegħek, urihom il-Karta tal-identità tal-pazjent biex ikunu jistgħu jżommu kopja tagħha fir-rekords tagħhom.

## 7. OPTIMIZER MINI CHARGER

L-OPTIMIZER Mini Charger huwa charger li jaħdem b'batterija li tista' tiġi ċċarġjata u jintuża biex jiċċarġja l-batterija tal-OPTIMIZER Smart IPG. L-apparat huwa fornut mal-AC Adapter (Cell Con Battery Charger; Input: 110–240VAC, 50-60Hz, 0.3A; Output: 8.4V, 1.3A) biex tiġi ċċarġjata l-batterija interna.

**Twissija:** Jekk l-OPTIMIZER Smart IPG ma jiġix iċċarġjat regolarment, dan jintefa meta l-batterija titbattal!

**Attenzjoni:** L-OPTIMIZER Mini Charger huwa suġġett għal, u/jew jista' jikkawża, interferenza elettromanjetika potenzjali jew interferenza oħra minn apparati elettriċi oħra li jkunu qed jitħaddmu fil-viċinanza. Tagħmir RF portabbli u mobbli huwa partikolarment suxxettibbli li jfixkel il-funzjoni normali taċ-charger.

## 7.1 Komponenti tal-OPTIMIZER Mini Charger System

L-OPTIMIZER Mini Charger System tikkonsisti fil-komponenti li ġejjin:

- OPTIMIZER Mini Charger (biċ-charging wand imwaħħla) – użat biex jiċċarġja l-OPTIMIZER Smart IPG.
- AC Adapter – użat biex jiċċarġja l-batterija interna tal-OPTIMIZER Mini Charger u jiżolaha mill-mains.
- Kontenitur għall-Ġarr – użat għat-trasport tal-OPTIMIZER Mini Charger system.
- Ċinturin tal-pazjent – (mhux obbligatorju) użat biex iżżomm iċ-charger ma' qaddek waqt li jkun qed jiġi ċċarġjat l-OPTIMIZER Smart IPG.




**Figura 3: OPTIMIZER Mini Charger bl-AC Adapter**

## 7.2 Metodu ta’ Ċċarġjar Użat mill-OPTIMIZER Mini Charger

It-trasferiment tal-enerġija bl-induzzjoni huwa l-unika metodu ta’ ċċarġjar transkutanju prattikabbli. It-trasferiment tal-enerġija bl-induzzjoni huwa bbażat fuq kamp elettromanjetiku oxxillanti ġġenerat minn kolja primarja. Il-kampijiet manjetiċi jistgħu jippenetraw it-tessut tal-bniedem bi kważi l-ebda attenwazzjoni. Għalhekk, l-enerġija tal-kamp tista’ tiġi assorbita minn koljatura sekondarja li tkun imqabbda maċ-ċirkwiti elettroniċi tal-impjant u tiġi kkonvertita lura f’enerġija elettrika.

## 7.3 Karatteristiċi tal-OPTIMIZER Mini Charger

L-OPTIMIZER Mini Charger tiegħek għandu diversi karatteristiċi li għandhom is-sinifikat li ġej:

- **Indikatur tal-Qawwa tas-Sinjal tal-Akkoppjar bejn l-IPG u ċ-Charger:** Displej bi grafika tal-bars li turi l-konnessjoni bejn iċ-charger u l-OPTIMIZER Smart IPG
- **Indikatur "Ċempel lil Tabib":** Displej bl-LED maqsum f'7 partijiet għall-kodiċi numeriċi
- **Indikatur tal-Istatus tal-Batterija taċ-Charger:** Displej bi grafika tal-bars li turi l-istat ta' ċarġ tal-batterija tal-OPTIMIZER Mini Charger
- **Il-Buttuna Start (Ibda):** Il-buttuna Start (Ibda) għall-OPTIMIZER Mini Charger
- **Indikatur tal-Istatus tal-Batterija tal-IPG:** Displej bi grafika tal-bars li turi l-istat ta' ċarġ tal-batterija tal-OPTIMIZER SMART IPG




**Figura 4: Karatteristiċi tal-OPTIMIZER Mini Charger**

## 7.4 Kif Tħaddem l-OPTIMIZER Mini Charger Tiegħek

L-OPTIMIZER Mini Charger jintuża biex jiċċarġja l-batterija tal-OPTIMIZER Smart IPG. Hu ddisinjat speċifikament biex jikkontrolla l-proċess tal-iċċarġjar b'mod adegwat u b'intervent kemm jista' jkun mill-inqas u biex jassigura s-sigurtà tiegħek.

**Twissija:** Tipprovax tikkonnettja xi tagħmir mal-port I/O tal-OPTIMIZER Mini Charger. Dan il-port għandu jintuża biss minn persunal tal-fabbrika jew tas-servisjar.

L-użu tal-OPTIMIZER Mini Charger biex jiċċarġja l-OPTIMIZER Smart IPG tiegħek jikkonsisti f'2 passi:

- L-iċċarġjar tal-batterija interna tal-OPTIMIZER Mini Charger
- L-iċċarġjar tal-batterija tal-OPTIMIZER Smart IPG tiegħek

**Nota:** L-iċċarġjar tal-batterija interna tal-OPTIMIZER Mini Charger u l-iċċarġjar tal-OPTIMIZER Smart IPG MA JISTGĦUX isiru fl-istess ħin. L-EWWEL trid tiċċarġja l-batterija tal-OPTIMIZER Mini Charger tiegħek IMBAGĦAD tista' tiċċarġja l-OPTIMIZER Smart IPG tiegħek.

1. Ipplaggja l-konnettur tal-output DC tal-AC Adapter fil-konnettur tal-input tal-elettriku li jinsab fil-parti ta' fuq taċ-charger fuq ix-xellug u mbagħad ipplaggja l-AC Adapter fil-mains biex tibda tiċċarġja l-batterija interna taċ-charger.

**Nota:** Spezzjona l-AC Adapter għal xi ħsara qabel kull użu. Ikkuntattja lir-rappreżentant tiegħek ta' Impulse Dynamics jekk hemm bżonn li jiġi ssostitwit l-AC Adapter.

**Twissija:** Uża biss l-AC Adapter ipprovdut mal-OPTIMIZER Mini Charger biex tiċċarġja l-batterija fl-OPTIMIZER Mini Charger.

**Attenzjoni:** Tmissx il-punti ta' kuntatt tad-DC tal-AC Adapter. Minkejja dan, m'hemm l-ebda riskju sinifikanti jekk isir kuntatt bi żball.

2. L-**Indikatur tal-Istatus tal-Batterija taċ-Charger** se juri l-istat ta' ċarġ attwali tal-batterija interna taċ-charger. Minħabba li dan il-proċess huwa wieħed li jsir kompletament b'mod awtomatiku, tista' pereżempju tiċċarġja l-batterija matul il-lejl.
3. Meta l-4 bars kollha tal-**Indikatur tal-Istatus tal-Batterija taċ-Charger** ikunu mixgħulin b'mod kostanti, il-batterija fl-OPTIMIZER Mini Charger tkun iċċarġjata kompletament.
4. Skonnettja l-AC Adapter minn mal-OPTIMIZER Mini Charger. L-OPTIMIZER Mini Charger issa jista' jintuża biex jiċċarġja l-OPTIMIZER Smart IPG.

**Nota:** L-OPTIMIZER Mini Charger ma jistax jintuża biex jiċċarġja l-OPTIMIZER Smart IPG sakemm jiġi skonnettjat l-AC Adapter miċ-charger.

5. Biex tiċċarġja l-OPTIMIZER Smart IPG, l-ewwel sib pożizzjoni fissa u komda, idealment fejn tista' timtedd f'angolu ta' 45° (sufan, pultruna). Iċ-ċinturin tal-aċċessorju jista' jintuża biex jinżamm iċ-charger f'pożizzjoni konvenjenti waqt l-iċċarġjar.
6. Ippożizzjona ċ-charging wand direttament fuq is-sit tal-impjant tal-OPTIMIZER Smart IPG tiegħek. Jekk trid, tista' ddawwar il-kejbil tal-wand ma' għonqok sabiex iċ-charging wand tistrieħ fuq sidrek, fuq il-ħwejjeġ tiegħek.

**Nota:** Iċ-charger m'għandux jintuża qrib ta' tagħmir elettroniku ieħor. Jekk ma tistax tinżamm biżżejjed

separazzjoni fl-ispazju, iċ-charger irid jiġi mmonitorjat biex jiġi żgurat il-funzjonament normali.

7. Ibda l-proċess tal-iċċarġjar billi tagħfas il-**Buttuna Start (Ibda)** u żżommha magħfusa għal madwar 3-4 sekondi.

8. Ċaqlaq iċ-charging wand fuq is-sit tal-impjant waqt li tosserva l-**Indikatur tal-Qawwa tas-Sinjal tal-Akkoppjar taċ-Charger tal-IPG**, li juri l-istatus tal-konnessjon bejn l-OPTIMIZER Smart IPG u ċ-charging wand. Ibdel il-pożizzjoni taċ-charging wand skont il-bżonn sakemm l-ogħla numru ta' bars ikunu mixgħulin fuq l-**Indikatur tal-Qawwa tas-Sinjal tal-Akkoppjar taċ-Charger tal-IPG**. Iċ-charger se jfittex għall-post bis-sinjal l-aktar qawwi mill-OPTIMIZER Smart IPG awtomatikament.

9. Ladarba ċ-charging wand tkun stabbiliet konnessjoni mal-OPTIMIZER Smart IPG, l-OPTIMIZER Mini Charger jibda l-proċess tal-iċċarġjar.

**Nota:** Jekk il-pożizzjoni tal-wand tal-iċċarġjar ma tkunx tajba jew jekk il-charging wand titlef il-pożizzjoni tagħha, l-OPTIMIZER Mini Charger se juri inqas bars mixgħulin fuq l-**Indikatur tal-Qawwa tas-Sinjal tal-Akkoppjar taċ-Charger tal-IPG**. Barra minn dan, se tisma' sinjal tal-awdjo li jdoqq madwar darba kull sekonda. Jekk dan iseħħ, jekk jogħġbok ċaqlaq iċ-charging wand lura fil-pożizzjoni t-tajba.

**Nota:** Jekk il-pożizzjoni taċ-charging wand fil-konfront tal-OPTIMIZER Smart IPG tibqa' waħda batuta, il-proċess tal-iċċarġjar jiġi sospiż awtomatikament. Meta dan iseħħ, irid jinbeda proċess tal-iċċarġjar ġdid billi terġa' tagħfas il-**Buttuna Start (Ibda)**.

10. L-**Indikatur tal-Istatus tal-Batterija tal-IPG** juri kif sejjer il-proċess tal-iċċarġjar tal-OPTIMIZER Smart IPG tiegħek.

**Nota:** Immira li tiċċarġja l-apparat tiegħek kompletament waqt is-sessjoni tal-iċċarġjar. L-iċċarġjar tal-batterija tal-OPTIMIZER Smart IPG jaf jieħu aktar minn siegħa jekk il-batterija tkun niżlet mhux ħażin. Jekk l-apparat ma jistax jiġi ċċarġjat f'sessjoni waħda, irrepeti l-proċess tal-iċċarġjar. Jekk il-batterija tkun baxxa ħafna, diversi sessjonijiet ta' ċċarġjar kuljum jistgħu jkunu meħtieġa biex l-OPTIMIZER Smart IPG jiċċarġja kompletament.

11. Meta l-batterija tal-OPTIMIZER Smart IPG tkun kompletament iċċarġjata, jinstema' ħoss twil u jixegħlu l-4 bars kollha tal-**Indikatur tal-Istatus tal-Batterija tal-IPG**. Il-proċess tal-iċċarġjar se jintemm awtomatikament u ċ-charger se jintefa.

Biex ittemm s-sessjoni tal-iċċarġjar qabel ma jkun iċċarġja kompletament, neħħi ċ-charging wand mis-sit tal-impjant. Iċ-charger imbagħad se jwaqqaf il-proċess tal-iċċarġjar awtomatikament. Inkella, iċ-charger jista' jintefa billi tagħfas il-**Buttuna Start (Ibda)** darba oħra.

Iċ-charger jimmonitorja t-temperatura tal-OPTIMIZER Smart IPG impjantat tiegħek biex it-temperatura tiegħu titla' biss minimament. Jekk tixtieq tkompli s-sessjoni tal-iċċarġjar wara li tkun waqqaftha temporanjament, jekk jogħġbok stenna għal madwar 10 minuti qabel ma tibda sessjoni ta' ċċarġjar ġdida biex tippermetti lit-temperatura tal-OPTIMIZER Smart IPG impjantat tiegħek imur lura għan-normal.

## 7.5 Frekwenza tas-Sessjonijiet tal-Iċċarġjar

L-aqwa prestazzjoni tal-batterija li tista' tiġi ċċarġjata tal-OPTIMIZER Smart IPG tista' tiġi aċċertata biss jekk il-batterija tiġi ċċarġjata kompletament ta' kull ġimgħa. Il-ġurnata jew ħin li tagħżel li tiċċarġja l-OPTIMIZER Smart IPG tiegħek mhumiex importanti, iżda huwa

rakkomandat li ma tħallix aktar minn ġimgħa tgħaddi bejn sessjoni tal-iċċarġjar u oħra.

Jekk il-livell taċ-charge tal-batterija tal-OPTIMIZER Smart IPG jinżel taħt ċertu limitu, il-forniment tat-terapija jiġi sospiż awtomatikament. Jekk iseħħ dan, il-batterija tal-OPTIMIZER Smart IPG tiegħek ikollha bżonn terġa' tiġi ċċarġjata qabel ma jkun jista' jkompli jagħti t-terapija. Ladarba titlesta s-sessjoni tal-iċċarġjar, l-OPTIMIZER Smart IPG awtomatikament ikompli jforni t-terapija bil-parametri li kellu pprogrammati preċedentement. Għandek dejjem tagħmel sessjoni ta' ċċarġjar kull meta ma tħossokx tajjeb biex tiżgura li t-tagħmir tiegħek qed jaħdem. Ikkuntattja lit-tabib tiegħek immedjatament jekk ma tkunx tista' tiċċarġja l-apparat tiegħek.

## 7.6 Kodiċijiet Numeriċi

L-OPTIMIZER Mini Charger huwa ddisinjat biex jipprovdik b'ċerti twissijiet rigward l-istatus tal-OPTIMIZER Smart IPG kif ukoll l-OPTIMIZER Mini Charger.

Jekk iċ-charger jidentifika sitwazzjoni li teħtieġ azzjoni, jiġi jidher kodiċi b'ċifra fuq l-**Indikatur "Ċempel lil Tabib"** tal-OPTIMIZER Mini Charger.

Jekk jiġi jidher kodiċi numeriku, ħu nota tal-kodiċi numeriku li jkun qed jidher u mbagħad agħmel użu mill-informazzjoni elenkata f'din it-taqsima biex tiddetermina l-kors ta' azzjoni li għandek tieħu.

- Għal kodiċi numeriċi "0", "1", "2", "3", "4", u "8", jekk jogħġbok ikkuntattja lit-tabib biex tiskeda check-up tal-OPTIMIZER Smart IPG fil-pront.

**Nota:** Ftakar dejjem li għandek tagħmel sessjoni ta' ċċarġjar kull meta ma tħossokx tajjeb biex tiżgura li t-tagħmir tiegħek qed jaħdem.

- Meta jidher il-Kodiċi Numeriku nru 5, dan ifisser li ċ-charger identifika problema temporanja rigward it-temperatura tal-ġisem u waqqaf il-proċess tal-iċċarġjar. Jekk jogħġbok irrepeti l-proċess tal-iċċarġjar aktar tard. Jekk dan il-kodiċi numeriku jidher b'mod ripetut fuq iċ-charger fuq medda ta' ftit jiem, jekk jogħġbok ikkuntattja lit-tabib tiegħek biex tiskeda check-up tal-OPTIMIZER Smart IPG fil-pront.
- Meta jidher il-Kodiċi Numeriku nru 6, dan ifisser li l-OPTIMIZER Mini Charger identifika problema interna u waqqaf il-proċess tal-iċċarġjar. Jekk jogħġbok ikkuntattja lit-tabib tiegħek biex tikseb charger sostitut.
- Meta jidher il-Kodiċi Numeriku nru 7, dan ifisser li l-OPTIMIZER Mini Charger identifika li l-apparat impjantat mhuwiex l-OPTIMIZER Smart IPG u waqqaf il-proċess tal-iċċarġjar. Jekk jogħġbok ikkuntattja lit-tabib tiegħek biex tikseb charger adegwat.

## 7.7 Tindif tal-OPTIMIZER Mini Charger

**Twissija:** Dejjem aqla' l-AC Adapter minn mal-OPTIMIZER Mini Charger qabel ma tibda l-proċess tat-tindif.

Il-parti esterjuri tal-OPTIMIZER Mini Charger għandha tintmesaħ biss b'ċarruta ratba **mxarrba** ftit bl-ilma (magħsura kompletament).

**Attenzjoni: TUŻAX** solvents jew biċċiet tat-tindif imxarrbin b'soluzzjonijiet kimiċi tat-tindif.

**Twissija: TIPPRUVAX** tnaddaf il-konnetturi elettriċi tal-OPTIMIZER Mini Charger.

**Twissija:** Tgħaddas l-**EBDA** parti tal-OPTIMIZER Mini Charger fl-ilma. Dan jista' jikkawża ħsara lill-unità.

## 7.8 Manutenzjoni tal-OPTIMIZER Mini Charger

L-OPTIMIZER Mini Charger ma fih l-ebda parts li jista' jagħmel service tagħhom l-utent. Jekk l-OPTIMIZER Mini Charger mhuwiex jaħdem, jekk jogħġbok ikkuntattja lit-tabib tiegħek biex tikseb charger sostitut.

**Twissija:** Mhija permessa l-ebda modifika ta' dan it-tagħmir.

Il-batterija ġewwa l-OPTIMIZER Mini Charger hija mistennija li ddum taħdem għal 5 snin. Jekk l-OPTIMIZER Mini Charger tiegħek ma jistax jiċċarġja għalkollok l-OPTIMIZER Smart IPG tiegħek wara li l-batterija taċ-charger tkun ġiet iċċarġjata għalkollox, jekk jogħġbok ikkuntattja lit-tabib tiegħek biex tissostitwixxi ċ-charger.

## 7.9 Il-Ħażna u l-Immaniġġjar tal-OPTIMIZER Mini Charger

Ladarba tirċievi l-OPTIMIZER Mini Charger tiegħek, m'għandux jiġi espost għal kondizzjonijiet eċċessivi ta' sħana jew kesħa. Aħżen l-OPTIMIZER Mini Charger f'post frisk u xott. Tħallix l-apparat fil-karozza tiegħek jew f'postijiet fuq barra għal perjodu estiż ta' żmien. It-tagħmir elettroniku sensittiv tista' ssirlu ħsara minn temperaturi estremi, b'mod partikolari s-sħana għolja. Għal tħaddim kif suppost, l-OPTIMIZER Mini Charger m'għandux jintuża jekk it-temperatura ambjentali tkun ta' aktar minn 27°C. Jekk ikun hemm bżonn, mur f'post frisk fejn it-temperatura ambjentali hija taħt is-27°C qabel ma tibda s-sessjoni tal-iċċarġjar.

Barra minn hekk, l-OPTIMIZER Mini Charger tiegħek għandu jinżamm f'kundizzjonijiet ambjentali normali: 1) umdità relattiva ta' bejn 20% u 75%, u 2) pressjoni atmosferika ta' bejn 700 hPa u 1060 hPa.

**Twissija:** L-OPTIMIZER Mini Charger m'għandux jintuża abbord ajruplan, u għandha ssir talba lill-ekwipaġġ qabel ma jintuża fuq vapur.

### 7.10 Rimi tal-OPTIMIZER Mini Charger

Jekk l-OPTIMIZER Mini Charger m'għadux meħtieġ, tista' tirritornah fl-uffiċċju tat-tabib tiegħek.

**Twissija: TARMIX** l-OPTIMIZER Mini Charger fiż-żibel. L-OPTIMIZER Mini Charger fih batteriji tal-Litju kif ukoll komponenti li ma jikkonformawx mar-RoHS. Jekk tkun teħtieġ tarmi l-OPTIMIZER Mini Charger, armih b'mod xieraq skont ir-regolamenti lokali li jirregolaw ir-rimi ta' materjal bħal dan.

## 8. SOSTITUZZJONI TAL-OPTIMIZER SMART IPG

L-OPTIMIZER Smart Pulse Generator fih batterija li tista' tiġi ċċarġjata u **mhux** mistenni li jkollu jinbidel l-apparat minħabba li l-batterija ma tibqax iżżomm ċarġ fil-perjodu tal-garanzija sakemm din tiġi ċċarġjata ta' kull ġimgħa. L-apparati impjantabbli li jużaw batteriji **li ma jistgħux jiġu ċċarġjati** dejjem iridu jiġu ssostitwiti meta l-kapaċità taċ-ċarġ tal-batterija li tista' tintuża tiġi eżawrita. Minkejja dan, xorta jkun hemm raġunijiet oħra validi għaliex l-apparat jew waħda mis-sondi tiegħu ma jibqgħux jaħdmu skont l-aspettattivi. F'dak il-każ, it-tabib tiegħek se jispjegalek ir-raġuni(jiet) u jiskeda kirurġija fejn issir is-sostituzzjoni.

Din il-proċedura ġeneralment hija aktar limitata fl-ambitu u għalhekk jaf ma tkunx meħtieġ toqgħod lejl fl-isptar. B'mod ġenerali, il-kura ta' wara l-kirurġija assoċjata ma' kirurġija ta'

sostituzzjoni mhijiex differenti minn dak li esperjenzajt fil-kirurġija inizjali tiegħek.

# 9. MISTOQSIJIET LI JSIRU SIKWIT

## 1. It-tabib tiegħi għaliex rrakkomanda li jiġi impjantat l-OPTIMIZER Smart Pulse Generator?

It-tabib tiegħek iddijanjostika l-kundizzjoni tiegħek bħala forma ta' insuffiċjenza tal-qalb li tista' tiġi ttrattata b'OPTIMIZER Smart Implantable Pulse Generator. Sal-lum, għadek ma ġejtx ittrattat b'suċċess bl-użu ta' trattamenti mediċi standard. Għalhekk, it-tabib tiegħek jemmen li inti kandidat ideali għall-impjantazzjoni tal-OPTIMIZER Smart IPG bħala mezz biex jittratta l-kundizzjoni tiegħek.

## 2. X'jagħmel l-OPTIMIZER Smart IPG?

L-OPTIMIZER Smart IPG jissorvelja r-ritmu tal-qalb tiegħek u jagħti sinjali ta' modulazzjoni tal-kontrazzjoni tal-qalb f'ħin speċifiku ħafna meta l-qalb tippompja d-demm. Dawn is-sinjali huma maħsuba biex jgħinu d-demm jiġi ppumpjat aktar bis-saħħa mill-qalb kull darba, u b'hekk is-sintomi tal-insuffiċjenza tal-qalb jitjiebu. L-OPTIMIZER Smart IPG hu pprogrammat għar-rekwiżiti speċifiċi tiegħek mit-tabib tiegħek billi juża programmer estern u wand imqiegħda fuq il-ġeneratur tal-impulsi tiegħek.

## 3. Se jkolli bżonn nitraqqad (anestesija ġenerali) waqt il-proċedura tal-impjant?

Il-proċedura ta' impjantazzjoni ssir taħt anestesija lokali b'sedazzjoni ħafifa. Int tkun imqajjem, iżda bi ngħas, għal madwar dawk is-sagħtejn li normlament iddum il-proċedura.

## 4. X'inhuma r-riskji assoċjati ma' din it-tip ta' kirurġija?

Hemm riskju ta' infezzjoni, bħalma huwa l-każ fi kwalunkwe proċedura invażiva. Hemm riskju li l-muskolu tal-qalb jista' jittaqqab (issir toqba fil-ħajt tal-qalb) jew kumplikazzjonijiet oħra, li wħud minnhom jistgħu jeħtieġu kirurġija ta' segwitu. Lista aktar

dettaljata ta' Kumplikazzjonijiet Potenzjali tista' tinstab f'Taqsima 3.

5. **Għal kemm żmien se jkolli ninżamm l-isptar?**

Tipikament, skont ir-rutina fl-isptar, tasal l-isptar ġurnata qabel il-proċedura, il-proċedura tiegħek issir l-għada, toroqd il-lejl hemm, u mbagħad tmur id-dar l-għada.

6. **Xorta nkun nista' nagħmel l-affarijiet li nagħmel issa?**

Iva, sakemm ma tkunx involut f'attivitajiet sportivi ta' kuntatt jew attivitajiet oħra jew ikollok inċident li jista' jagħmel ħsara lis-sistema impjantata tiegħek jew jinterferixxi mat-tħaddim tagħha. It-tabib tiegħek se jiddiskuti dan kollu miegħek fid-dettall.

7. **L-OPTIMIZER Smart IPG se jkollu jiġi ssostitwit f'xi punt?**

L-OPTIMIZER Smart IPG tiegħek jaħdem permezz ta' batterija li tista' tiġi ċċarġjata. It-tabib tiegħek se jurik kif tiċċarġja l-apparat tiegħek u kemm-il darba trid tiċċarġjah. It-tabib tiegħek ikollu bżonn jevalwa l-kundizzjoni tal-batterija waqt iż-żjarat ta' eżaminazzjoni ta' rutina tiegħek. Sabiex tgħin f'din l-evalwazzjoni tal-batterija, jekk jogħġbok iċċarġja l-OPTIMIZER Smart IPG kompletament 7 ijiem qabel iż-żjara għand it-tabib tiegħek.

Barra minn hekk, hemm ir-riskju li tiżviluppa problema b'komponent jew sonda, u tkun meħtieġa sostituzzjoni jew operazzjoni mill-ġdid. Minħabba li l-OPTIMIZER Smart IPG mhuwiex apparat li jsostni l-ħajja, x'aktarx ma tkunx f'riskju jekk l-apparat tiegħek ma jaħdimx kif mistenni.

# INFORMAZZJONI IMPORTANTI:

| | |
|---|---|
| Elettrofiżjologu: | |
| Indirizz: | |
| | |
| Belt: | |
| Pajjiż: | Kodiċi Postali: |
| Nru tat-Telefon: | |

| | |
|---|---|
| Kardjologu: | |
| Indirizz: | |
| | |
| Belt: | |
| Pajjiż: | Kodiċi Postali: |
| Nru tat-Telefon: | |

| | |
|---|---|
| Sptar: | |
| Indirizz: | |
| | |
| Belt: | |
| Pajjiż: | Kodiċi Postali: |
| Nru tat-Telefon: | |

Mediċini:

OPTIMIZER Smart Implantable Pulse Generator

Nru tal-Mudell:

Nru tas-Serje:

Nru tal-Mudell ta’ Sonda 1: S/N

Nru tal-Mudell ta’ Sonda 2: S/N

Nru tal-Mudell ta’ Sonda 3: S/N

**NOTI:**